# Fjura

Stefano Farrugia

L-ulied għexu lkoll bi kwiethom
iżda daqu l-agħar sentenzi,
l-omm imbikkma li rabbiethom
terda' l-pirmli bla indulġenzi,
rawha tegħreq fit-tbatija
u telquha mal-mogħdija.

Il-missier saq f'triq l-inkwina
għax fil-ħbieb hu sab l-għedewwa,
rebħu l-qabar bl-eroina,
ħadd ma fehem x'kien iħoss sewwa,
ix-xogħ'l ħalla għal fastidju,
ma ra xejn ħlief suwiċidju.

Għadda ż-żmien u fuq l-irħama
l-omm ħalliet bukkett tal-fjuri,
f'Alla dejjem tagħha t-tama
kif tarrfulha l-ġenituri.
Żammet fjura hi ma' qalbha
ħalli fih tiftakar f'talbha.

'ma ħajjitha dlonk iddallmet
u bħal żewġha rat il-qabar,
f'dan il-waqt fis ruħha straħet
u hekk sabet biss is-sabar.
Kulħadd issa ftakar fiha,
qabel ħadd ma mar jhenniha.

Dawk uliedha għall-Awstralja,
sabu xogħ'l li kien għal qalbhom,
daqshekk tqabdu fil-battalja,
il-Mulej kien sema' talbhom
u kif f'darhom reġgħu lura
sabu 'l ommhom f'dik il-fjura!